MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 2172/1998/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Avon Insurance p. l. c. u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Dorothy Saliba abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Dorothy Saliba**

**vs**

**Beverley Sciberras**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Jannar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun

ikkundannata, prevja kull dikjarazzjoni ta’ responsabbilta’ skond il-Ligi, thallas lis-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited s-somma ta’ tliet mija u sitta u tmenin Lira Maltin u tletin centezmu (Lm386.30), ammont rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Dorothy Saliba u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u di piu’ thallas lill-attrici Dorothy Saliba is-somma ta‘ mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00) rapprezentanti excess payment, li ma kienux koperti mill-polza ta assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilisitku li sehh fil-24 ta’ Gunju 1998 ghall-habta tas-7.00p.m. gewwa Triq il-Barmil, Ibragg, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAA 025 di propjeta’ ta’ l-attrici Dorothy Saliba, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numu ta’ registrazzjoni DBC 969, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ 29 ta’ Settembru 1998, u ta’ l-ittra ufficjali li giet mibghuta ma’ l-avviz lis-socjeta’ Middle Sea Insurance Company Limited u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali ta’ 29 ta’ Settembru 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 5 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talbiet tal-attrici huma ghal kollox inforndati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrci;

Illi l-incident in kwistjoni gara tort unikament ta’ Dorothy Saliba li naqset serjament fis-sewqan li minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ harsien lejn ir-regolamenti tat-traffiku ikkawza f’dan l-incident tort taghha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, vis-à-vis il-kollizzjoni in esami PS 78 Joseph Cremona (fol 10 et seq ibid) esebixxa kemm kopja tal-iskizz kemm tar-rapport maghmulin minnu. Fuq l-imsemmi skizz hemm murija l-vettura misjuqa minn Lorraine Xuereb , bint l-attrici bin-numru ta’ registrazzjoni JAA 025, wara liema vettura hemm zewg marki ta’ ‘brakes’. In rigward l-istess vettura, jidher li l-hsara kagunata fuqha tinsab fuq il-‘mudguard’ ta’ quddiem tal-lemin. Hemm ukoll murija l-vettura misjuqa mill-konvenuta, bin-numru ta’ registrazzjoni DBC 969. In rigward din il-vettura, x-xhud indika, bi vlegga id-direzzjoni minn fejn kienet qed tinsaq qabel ma saret il-habta in esami (ara fol 13 u fol 13A ibid). Mir-rapport imsemmi, jidher li l-istess Lorraine Xuereb kienet stqarret, max-xhud, li ‘I was proceeding up Triq il-Barmil when all of a sudden the other car which was proceeding down had drove from the opposite direction thus blocking my way …… ‘ (fol 15 ibid). In rigward l-istess incident, l-konvenuta semmiet ‘a caldo’ li “I was proceeding slowly down Triq il-Barmil when accidentally the other car which was proceeding up hill had dashed into my car”.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi Lorraine Xuereb (fol 17 et seq ibid) xehdet illi kienet ser tohrog mill-istess triq imsemmija sabiex iddur lejnix-xellug taghha. Pero, meta kienet ghadha f’din it-triq ‘id-dritta’, l-vettura misjuqa mill-konvenuta, fi kliem l-istess xhud “she cut across’ mid-direzzjoni tax-xellug taghha. Ix-xhud kompliet billi specifikat illi “…… il-karozza l-ohra ma rizlitx fuq in-naha taghha izda giet ‘wrong way’ fuq in-naha tieghi’ ….. ‘………mhux wrong way izda wrong side’. Hawnhekk, hi kienet ghafset il-‘brake’ izda, xorta wahda, saret il-habta. Dwar dan, hi esebiet tlett ritratti bil-kulur li juru l-posizzjoni tal-istess vettura wara l-habta, liema vetturi bl-ebda mod ma kienu ccaqalqu.

Illi da parti taghha, l-konvenuta (fol 36 sa fol 38 ibid) testwalment qalet illi kienet qed issuq b’verlocita’ ta’

madwar 10/15 mili fis-siegha u ‘As I was turning to Triq il-Barmil, the young lady ….. over shot and hit my car on the back”. Filfatt, hi allegat li qabel il-habta hi kienet rat lil Lorraine Xuereb tgholli idiejha u ghalhekk ‘… I say that she lost control of her car’. Inoltre hi allegat ukoll illi s-sewwieqa l-ohra kienet “….. speeding at the time’. Mhux dan biss izda hi kompliet billi allegat illi hi kienet illargat, xi ftit ta’ hin, mill-post tal-incident u meta ritornat hi rat li l-karozza l-ohra ‘…. was moved more into her lane” almenu erba’ piedi u kienet informat lil PS 78 Joseph Cremona dwar dan. Hi wkoll kienet uriet lill-istess pulizija ‘debris’ li kien fuq it-triq, sabiex tindikalu l-‘spot of impact’ liema debris kien jikkonsisti fi hgieg miksur, bicca minn ‘bumper’ u aktar parti minn ‘indicator’. Fl-ahhar nett, hi sostniet li matul l-incident kollu” … I was on my side of the road’. Kif jidher a fol 41 sa fol 42 tal-atti xehed bin il-konvenuta David Sciberras. Dwar din ix-xhieda, jigi notat illi fl-ahhar nett taghha, x-xhud sema’, kontrarjament ghal dak li xehdet ommu illi “When I went to make the phone call, my Mother remained on site”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f’dan l-istadju, ghandu jissemma illi f’incidenti bhal dawk in esami, il-Qorti trid tara jekk hemmx <u>xi prova oggettiva u indipendenti</u> mill-partijiet, sabiex issahhah dak li jkunu xehdu l-istess partijiet meta dawn jaghtu versjonjiet konfliggenti ghal kollox bejniethom. Dwar dan, ghandha ssir referenza ghall-pulizija li jkun investiga dan il-kaz u jixhed dwar x’jkun sab fuq il-post tal-incident bhala evidenza li tkun tirrispekkja ir-‘resgestae’. Tali prova, avolja bl-ebda mod ma ghandha tkun konsiderata bhala irribattibli tista’, filfatt tigi kontestata a basi ta xi prova konkreta kontrarja.Fil-kaz in desamina, ma ingiebet ebda prova sabiex tindika illi l-imsemmi skizz hu b’xi mod inpreciz u ghalhekk din il-Qorti ser tikkonsidra din il-prova bhala wahda li tista’ tistrieh fuqha.

Illi jidher evidenti mill-istess skizz illi Lorraine Xuereb, meta saret il-habta kienet ‘on the proper side of the road’, liema fatt hu evidenzjat mill-posizzjoni tal-istess vettura u l-‘brakemarks’ wara din, kif jidhru fuq l-istess skizz. Dan

jindika, b'mod car, li Lorraine Xuereb, meta xehdet, qalet il-verita meta, xehdet dwar id-dinamika ta' dan l-incident. L-istess ma jistax jinghad dwar dak li xehdet il-konvenuta, li f'punt essenzjali giet kontradetta mix-xhieda ta' binha stess, kif hawn fuq premess.

Illi, ghalhekk, il-konvenuta ghandha tigi ritenuta illi kkagunat dan l-incident minhabba li saqet fuq in-naha l-hazina tat-triq u bhala konsegwenza laqtet il-vettura misjuqa minn Lorraine Xuereb, li kienet ' on the proper side of the road'.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' pretiz fl-avviz issir referenza ghax-xhieda ta' Anthony Savona flimkien mad-dokumenti esebiti minnu (fol 22 sa fol 26 tal-atti) kif ukoll ghall-'affidavit' sottomess minn Dorothy Saliba, l-attrici (fol 28 ibid). Jissemma' wkoll li l-istess 'quantum' pretiz, ma giex kontestat mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta.
2. Tillikwida l-ammont ta'danni globali fis-somma ta' Lm515.30,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm386.30,0 u lill-attrici, Dorothy Saliba, s-somma ta' Lm125.00,0 bl-imghax legali mid-data ta' notifika tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tad-29 ta' Settembru 1998 u tad-9 ta' Novembru 1998, imsemmija fl-avviz."

Fl-appell interpost mill-konvenuta fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza din tissottometti b' aggravju illi l-versjoni taghha kellha titqies aktar attendibbli ghaliex tikkonferma dak minnha ritenut *a tempo debito*. Tillanja wkoll illi l-

ewwel Qorti ma tatx importanza lill-aspett tal-*proper look out* u, inoltre, injorat ghal kollox l-ammissjoni tal-htija li saret mid-*driver* Lorraine Xuereb u l-fatt tac-caqliq tal-vettura taghha;

Jinsab ritenut f' materja ta' kollizzjonijiet illi *driver* ta' karozza ghandu innegabilment zewg doveri: wiehed li jzomm "*a proper look out*" u l-iehor dak illi waqt is-sewqan hu jkun f' posizzjoni tali li jkollu l-vettura l-hin kollu taht kontroll ("**Il-Pulizija -vs- Anthony Spiteri**", Appell Kriminali, 21 ta' Mejju 1960). Jissokta jigi spjegat, dejjem in referenza ghal dawn l-istess doveri, illi hu obbligu ta' kull *driver* li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab fihom u li jzomm dik li tissejjah "*a reasonable careful look out*", liema dmir igib mieghu li *driver* jara dak li jkun ragonevolment vizibbli - "**Giuseppa Debono -vs- Philip Camilleri et**", Appell Civili, 23 ta' Frar 1962. Ma' dawn id-doveri jista' jizdied li kull *driver* ghandu wkoll id-dmir li jzomm is-*side* tieghu;

Kif taraha din il-Qorti, wara d-debita ri-ezami tal-provi istruttorji, id-dinamika ta' l-incident f' dan il-kaz giet sewwa interpretata mill-ewwel Qorti. Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn il-konstatazzjonijiet:-

(1) Huwa evidenti minn analisi ta' l-iskizz (fol. 13) u tar-ritratti esebiti (fol. 20) illi, gjaladarba l-konvenuta kien jenhtiegilha titraversa Triq il-Barmil, transitata mill-konducenti Lorraine Xuereb, hi kellha tuza grad ta' diligenza l-izjed gholja. Dan, minimament, biex tassikura illi fil-perkors tat-traversament tat-triq imsemmija hi ma twettaq ebda manuvra kalkolata li tfixkel il-kors tat-traffiku li jkun ghaddej minnha;

(2) Huwa daqstant iehor car illi l-konvenuta appellanti naqset li taghmel esplorazzjoni opportuna qabel ma giet biex titraversa l-istess triq. Dan hu bil-wisq ovvju mill-istess konfessjoni taghha fejn tistqarr illi "*I did not need to stop whilst proceeding in Triq il-Barmil because I had right of way*";

(3) Mhux hekk biss pero`. Jidher ukoll indikattiv mill-iskizz illi l-konvenuta fethet wisq ir-ragg tal-perkors taghha u b' hekk giet tikkonfronta bla preavviz u bla ebda senjalazzjoni tal-presenza taghha lill-konducenti Lorraine Xuereb, li kienet qed issuq fuq is-*side* taghha u riedet iddur fuq ix-xellug minn fejn fegget *ex abrupto* l-appellanti u holqitilha stat ta' emergenza subitanea li ma ghamilhiex possibbli ghaliha li tevita l-iskontru;

(4) Fil-hsieb tal-Qorti, mill-kumpless tac-cirkostanza, il-kawza effettiva preponderanti tal-kollizjoni kien "*faulty look out*" da parti tal-konvenuta appellanti, sussidjat ukoll mill-fatt li din ma zammetx fuq in-naha taghha. Proprju hawn qieghed il-fattur krucjali tal-kaz in ispecje. Dan qed jigi rilevat in kwantu kieku l-appellanti saqet b' aktar attenzjoni u baqghet dejjem fuq is-*side* taghha kienet certament tista' tara lis-sewwieqa l-ohra, tieqaf u ma tkomplix il-manuvra tat-traversament li riedet taghmel;

(5) Ghal din il-Qorti l-kondotta fis-sewqan ta' l-appellanti tammonta ghall-dizattenzjoni kolpevoli. Dan ghall-motiv illi ma jistax jigi accettat jew ammess li sewwieq ma jkollux kontinwament il-kontroll ta' dak li qed jissucciedi madwaru fit-triq. Hi ma kellhiex tavventura ruhha bil-mod kif harget ghal fuq Triq il-Barmil, anke jekk, kif jinghad minnha, hi familjari mal-lokalita` fejn sehh l-incident. Hu dan in-nuqqas tal-prudenza ordinarja li jwassal ghar-responsabilita` taghha ghas-sinistru. Fic-cirkostanzi ghalhekk huwa inutili li l-appellanti tittanta taskrivi htija fil-konducenti Lorraine Xuereb billi la l-allegat telf ta' kontroll u lanqas l-allegat *speeding* ma jirrizultaw sostenuti mill-provi u d-dinamika ta' l-incident;

Issa l-konvenuta appellanti wkoll taghmel enfasi fuq zewg aspetti incidentali u cjoe (i) ic-caqliq tal-vettura misjuqa minn Lorraine Xuereb wara l-incident u (ii) l-allegata ammissjoni tal-htija mill-imsemmija konducenti;

Kwantu ghall-ewwel aspett dan hu ghal kollox insostenibbli, jekk mhux ukoll inveritier.  Fir-rigward, bizzejjed wiehed jaghmel raffront bejn id-deposizzjoni ta' l-appellanti u dik ta' binha David Sciberras.  Proprju dan ta' l-ahhar jizmentixxi lil ommu fejn din sostniet li hi sabet li l-vettura kienet giet spustata fl-intervall li hi marret taghmel telefonata.  Inversament, ix-xhud imsemmi jiddikjara illi kien hu li mar jaghmel it-telefonata mentri ommu "*remained on site*";

Riferibilment ghall-kwestjoni ta' l-allegata ammissjoni, jibda biex jigi osservat illi; anke jekk din kienet tikkorrispondi ghas-sewwa, in generali l-Qrati taghna jharsu b' certa diffidenza fuq dikjarazzjonijiet jew ammissjonijiet maghmulin taht is-*shock* tal-kollizjoni, partikolarment meta jkun hemm dubju jekk min ghamilhom kienx jew le f' dak il-mument fi stat li jifhem u jqis il-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni jew ammissjoni. Decizjoni f' dan is-sens hi dik fl-ismijiet "**Joseph Sammut -vs- Francis Falzon *et nomine***", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1966 u fejn dik il-Qorti rrifjutat li taghti affidament jew effett vinkolanti lill-ammissjoni ta' din ix-xorta;

Oltre dan, f' kull kaz, tali ammissjoni kellha dejjem titqies bhala prova, flimkien ma' ohrajn, tar-responsabilita` izda mhux ukoll bhala fonti indipendenti u *per se stante* ta' xi assunzjoni ta' obbligazzjoni.  Ghar-ragunijiet gja sottomessi aktar 'il fuq, din il-Qorti issib, anke kieku kellha tammetti l-ammissjoni ta' l-utenti Lorraine Xuereb bhala prova, li l-assjem tal-provi ma jwassalx imbaghad biex jakkolla l-htija ghall-incident fuq din is-sewwieqa.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din il-procedura kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------